

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15896/25

ENER 622

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett dwar il-Grilji Ewropej - Dibattitu ta' orjentazzjoni

Bil-ħsieb tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tal-15 ta' Diċembru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej¹.

¹ Dan jirreferi għall-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej li jmiss li mistenni jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-10 ta' Diċembru 2025.

Pakkett dwar il-Grilji Ewropej

Il-passi li jmiss lejn Unjoni tal-Enerġija dejjem eqreb

Bl-inċertezza ġeopolitika li għaddejja bħalissa, l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni dinjija, u xenarju tal-enerġija li qed jinbidel malajr, il-grilji tal-enerġija tal-Ewropa qed jiffaċċaw pressjoni dejjem akbar biex isiru aktar koordinati, integrati aħjar, u żviluppati b'mod aktar effiċjenti. Grilja reżiljenti u interkonnessa hija essenzjali biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għax-xokkijiet esterni billi tippermetti l-fluss ta' taħlita tal-enerġija diversa mal-Unjoni kollha, tiffaċilita l-adozzjoni rapida u l-integrazzjoni ta' kapaċità ġdida ta' enerġija nadifa, u tappoġġa prezzijiet tal-enerġija aktar affordabbli.

Kif enfasizzat fir-rapport ta' Draghi, l-investimenti fil-grilja huma fundamentali għas-salvagwardja tal-kompetittività tal-Ewropa. Huwa stmat li l-grilja Ewropea bħalissa qed tiffaċċa diskrepanza fl-investment ta' €1.2 triljun sal-2040². Kull euro investit huwa pprojetat li jiġġenera d-doppju ta' dak l-ammont fi ffrankar tal-kostijiet tas-sistema għall-konsumaturi Ewropej, u fl-aħħar mill-aħħar inaqqas il-kostijiet kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għan-negozji.

L-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-Pakkett Ewropew dwar il-Grilji

Pass f'waqtu li jmiss lejn it-tlestija tal-Unjoni tal-Enerġija ser ikun il-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej tal-Kummissjoni mħabbar għal Diċembru 2025, li mistenni jistabbilixxi l-passi li jmiss biex tinbena sistema tal-enerġija Ewropea effiċjenti, affordabbli u reżiljenti.

² Kummissjoni Ewropea 2025: Investment needs of European energy infrastructure to enable a decarbonised economy.

Filwaqt li jibni fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Awtostradi tal-Enerġija", imħabbra mill-President von der Leyen fl-Istat tal-Unjoni tal-2025, u bbażat fuq diskussjonijiet ewlenin dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura li saru fi ħdan il-Gruppi ta' Livell Għoli u t-Task Force tal-Unjoni tal-Enerġija matul il-Laqgħa Informali tal-Ministri għall-Enerġija tal-2025 f'Copenhagen, il-Pakkett Ewropew dwar il-Grilji mistenni jindirizza l-ħtieġa urġenti ta' infrastruttura tal-enerġija aktar b'saħħitha u jindirizza l-ostakli li jkomplu jżommu lura l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija u l-installazzjonijiet tal-enerġija nadifa tal-Ewropa. Huwa ser jibni wkoll fuq il-Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar it-tisħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija billi tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, adottati taħt il-Presidenza Pollakka, kif ukoll fuq il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-avvanzar tal-infrastruttura tal-grilja tal-elettriku sostenibbli adottati taħt il-Presidenza Belġjana.

Il-pakkett mistenni jinkludi kemm miżuri leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi biex jiġu indirizzati l-ostakli bħall-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-grilji, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-istazzjonijiet tal-ħżin u tal-iċċarġjar, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà, l-infrastruttura transfruntiera, il-proċessi tal-ippjanar, u l-isfidi ta' investiment. Huwa mistenni wkoll li jkopri t-tisħiħ tal-grilji eżistenti, l-iżvilupp ta' konnessjonijiet transfruntieri u interni ġodda, u l-promozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali u innovattivi biex jiġi ottimizzat l-użu tal-infrastruttura attwali u tissaħħaħ ir-reżiljenza. Dawn il-miżuri huma kruċjali biex jiggwidaw id-deċiżjonijiet u l-investimenti meħtieġa fis-snin li ġejjin - kemm jekk biex jappoġġaw l-isforzi ta' elettrifikazzjoni tal-Unjoni, itejbu l-effiċjenza tal-grilji li qed jeqdiemu, jiffaċilitaw il-finanzjament, jiżguraw proċeduri bla xkiel u trasparenti għall-bini ta' sistemi ta' distribuzzjoni fuq l-art u fil-baħar, jew jallinjaw aħjar il-pjanijiet nazzjonali u Ewropej għall-iżvilupp tan-network.

F'dan l-isfond, il-Presidenza Daniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tistieden lill-Kunsill tal-Enerġija jinvolti ruħu fl-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet ewlenin, l-oqsma ta' prijetà, u l-oġettivi strateġiċi, bi tħejjija għan-negojzati li ġejjin.

Mistoqsija għad-diskussjoni

- X'inhuma l-prijoritajiet ewlenin tagħkom għall-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej?